

## Il-kannabis għall-użu mediku fl-Ewropa: L-MEPs iridu aktar riċerka



Photo by Esteban Lopez on Unsplash

© CC0 Photo by Esteban Lopez on Unsplash

**Il-Parlament Ewropew qed jappella għal politika mifruxa mal-UE kollha dwar il-kannabis għall-użu mediku u riċerka xjentifika ffinanzjata b'mod xieraq.**

Ix-xenarju politiku għall-kannabis għall-użu mediku qed jevolvi fl-UE, peress li [diversi Stati Membri](#) illegalizzaw l-użu mediku ta' xi forma ta' kannabis jew kannabinojdi jew qed iqisu tibdil fil-leġiżlazzjoni tagħhom.

Madankollu, liema prodotti huma permessi u r-regoli dwar l-użu tagħhom ivarjaw ħafna, għalkemm l-ebda pajjiż tal-UE ma jawtorizza t-tipip jew it- tkabbir fid-djar tal-kannabis għal finijiet mediċi. Filwaqt li d-WHO uffiċjalment irrakkomandat li l-kompost tal-kannabis kannabidjol (CBD)

m'għandux jiġi kklassifikat internazzjonalment bħala sustanza kkontrollata, ma hemm l-ebda armonizzazzjoni fil-livell tal-UE la għall-użu mediku u lanqas għall-użu rikreattiv tal-kannabis.

### X'inhi l-Kannabis?

- Il-pjanta tal-kannabis hija magħmula minn aktar minn 480 kompost li jinkludu aktar minn 100 kannabinojde, u l-aktar magħrufa huma t-THC (D9-tetraidrokannabinol) u l-kannabidjol (CBD).
- eslt-THC huwa l-komponent ewlieni psikoattiv u li jikkawża dipendenza tal-kannabis; Is-CBD m'għandux proprjetajiet intossikanti jew li jikkawżaw dipendenza.
- "L-użu mediku tal-kannabis u l-kannabinojdi" jista' jirreferi għal varjetà wiesgħa ta' preparazzjonijiet u prodotti sintetiċi u bbażati fuq il-pjanti.
- Ħafna pajjiżi jużaw il-kelma Messikana "marijuana" b'referenza għall-weraq tal-kannabis. Il-pjanti femminili li mhumiex imdakkra jissejġu haixxa.

Skont l-MEPs, il-kannabis u l-kannabinojdi jista' jkollhom effetti terapewtiċi biex jistimulaw l-aptit (fil-każ tat-telf tal-piż marbut mal-AIDS) u biex itaffu s-sintomi tal-mard mentali jew l-epilessija, l-ażma, il-kanċer u l-marda ta' Alzheimer, pereżempju, iżda hemm bżonn ta' aktar riċerka. Jistgħu jtaffu wkoll l-uġiġħ mestwali u jnaqqsu r-riskji tal-obeżità u d-dijabete.

Nhar l-Erbgħa, 13 ta' Frar, il-Parlament Ewropew [adotta riżoluzzjoni](#) dwar l-użu tal-kannabis għal finijiet mediċi. Il-Membri

- jitolbu definizzjoni legali tal-kannabis għall-użu mediku li tagħmel distinzjoni ċara bejn użu mediku u użi oħra
- jgħidu li r-riċerka u l-innovazzjoni dwar il-kannabis għall-użu mediku għandhom jingħataw spinta u jiġu ffinanzjati b'mod xieraq
- jgħidu li l-mediċini effettivi bbażati fuq il-kannabis għandhom ikunu koperti mill-iskemi tal-assigurazzjoni tas-saħħa

### Il-protezzjoni tal-minorenni u tal-gruppi vulnerabbli hija fundamentali

Skont l-MEPs, qafas legali stabbli u ċar ikollu impatt pożittiv fuq il-kwalità u t-tikkettar preċiż tas-sustanzi u jkun jiżgura aċċess sikur għall-pazjenti għall-użu mediċinali tas-sustanzi, filwaqt li jittieħdu prekawzjonijiet partikolari għaż-żgħażagħ u n-nisa tqal.

Skont ir-riżoluzzjoni, fil-livell tal-UE, regoli legali jgħinu jikkontrollaw il-punti tal-bejgħ u jlimitaw is-suq iswed u jgħinu jipprevjenu l-abbuż tas-sustanzi u d-dipendenza fuqhom fost il-minorenni u l-gruppi vulnerabbli.

Regoli komprensivi se jinkoraġġixxu għarfien aħjar dwar il-kannabis għall-użu mediku, billi jiġi żgurati taħriġ u aċċess għal-letteratura għall-professjonisti mediċi.

## Għal aktar informazzjoni

[Passi proċedurali](#)

[il-Kumitat ENVI](#)

[Rapport tal-EMCDDA: Medical use of cannabis and cannabinoids \(Użu mediku tal-kannabis u l-kannabinojdi\) \(Diċembru 2018\)](#)